Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1432/2001/1

**Bonnici Insurance Agency Ltd**

**Vs**

**Anthony Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf tlett mija u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1337.34), bilanc ta’ soma akbar rapprezentanti prezz ta’ premiums ta’ poloz ta’ assikurazzjoni mahruga favur il-konvenut mis-socjeta attrici matul dawn l-ahhar xhur u dana fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa illi:

(1) Parti sostanzjali tal-pretensjoni attrici hija preskritta skkond l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

(2) M’huwiex minnu li xi poloz ta’ assikurazzjoni gew mahruga favur il-konvenut matul dawn l-ahhar xhur fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess.

(3) Dwar il-kap ta’ l-ispejjez il-konvenut ma giex notifikat bl-ittra ufficjali li s-socjeta attrici qeghda tallega li pprezentat, u jidher anzi li dik l-istess ittra qatt ma giet prezentata.

Ra s-sentenza preliminari tal-21 ta’ Marzu 2002 u li permezz taghha t-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni.

Semgha x-xhieda.
Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas ta’ elf tlett mija u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1337.34), bilanc ta’ soma akbar rapprezentanti prezz ta’ premia ta’ poloz ta’ assikurazzjoni mahruga favur il-konvenut.

2. Fis-seduta tal-11 ta’ April 2002 gie ddikjarat *“li s-somma ta’ Lm337.34 (tlett mija, sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu) hija dovuta”*. Fir-rigward tal-bilanc issottometta li dan il-hlas kien intbaghat mill-konvenut, *“bi struzzzjonijiet specifici biex jithallsu l-arretrati kollha li jissemmew fid-dokumenti a fol. 17 tal-process izda irrizulta li dal-hlas ta’ Lm1000 (elf lira Maltin) gie imputat bhala hlas li sar mis-socjeta Diskmaster (Malta) ltd li taghha il-konvenut huwa direttur”*.

3. L-oneru tal-prova hija fuq il-konvenut, fis-sens li huwa jrid jaghti prova li l-elf lira Maltija (Lm1,000) li thallset kellha tigi mputata ghad-dejn tieghu personali u mhux ghall-hlas dovut mill-kumpannija tieghu.

4. Mill-provi rrizulta li kien sar hlas fit-12 ta' Mejju 2000 ghas-somma ta' Lm1,000 (ir-ricevuta iggib id-data tat-12 ta' Mejju 2000 u kopja taghha tinsab a fol. 72 tal-process).

5. Il-partijiet taw zewg verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Filwaqt li l-konvenut jikkontendi li l-hlas ta' Lm1,000 kellu jigi mputat ghall-kont personali tieghu, is-socjeta attrici tishaq li l-hlas kien sar ghad-dejn tal-kumpannija Discmaster (Malta) Ltd u li kien id-dejn l-iktar antik fost it-tnejn.

6. Fil-fehma tat-Tribunal ta' rilevanza huma s-segwenti cirkostanzi:

(a) Wara li nharget u ntbaghtet ir-ricevuta tal-hlas mis-socjeta attrici, ma jirrizultax li l-konvenut oggezzjona ghal fatt li l-hlas gie mputat ghad-dejn tal-kumpanija tieghu.

(b) Irrizulta wkoll mill-provi li l-hlas sar permezz ta' cekk mahrug mill-kumpannija Discmaster (Malta) Limited.

(c) Meta l-konvenut xehed ghall-ewwel darba fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2002 huwa ta l-impressjoni li qieghed jikkontesta certu *items* mill-istatement mahrug mis-socjeta attrici u li jinsab a fol. 17 tal-process [ezempju fir-rigward ta' wahda mill-vetturi xehed li din kienet propjeta ta' ibnu]. Imbaghad fis-seduta tal-11 ta' April 2002 il-konvenut biddel il-linja ta' difiza. Il-konvenut ghalkemm xehed tlett darbiet fil-kors ta' dawn il-proceduri, ma ta l-ebda spjega ta' kif qatt seta' jimputa l-hlas ta' Lm1,000 ghad-dejn tieghu personali meta kkontesta certu hlasijiet li s-socjeta attrici kienet qeghda titlob fuq il-kont personali tieghu.

(d) Jidher li d-dejn tal-kumpannija kien iktar antik mill-hlas dovut mill-konvenut f'ismu personali.

(e) Ix-xhud Anthony Farrugia (impjegat tas-socjeta attrici) xehed, *"matul din l-ahhar sena, kemm ili mpjegat mas-socjeta attrici, jiena dejjem bghatt statements lill-konvenut u kien hemm okkazzjonijiet ukoll fejn tkellimt mieghu bit-telefon"* [fol. 69]. *Statements*

kienu jintbaghtu fil-bidu ta’ kull xahar fl-indirizz postali tal-konvenut, li huwa l-istess indirizz fejn gie notifikat il-konvenut b’dawn il-proceduri. Min-naha tieghu l-konvenut ma nnegax li kien jircievi *statements* u lanqas ma jirrizulta li dak iz-zmien huwa kkontesta l-hlas li kien qieghed jigi pretiz mis-socjeta attrici.

7. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma rnexxielux iressaq provi sodisfacenti li l-verzjoni tieghu hija iktar kredibbli minn dik moghtija mis-socjeta attrici. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tlett mija u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1,337.34), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------